DEĊIŻJONI (UE) 2019/670 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-9 ta' April 2019

li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2014/8 dwar il-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju u r-remunerazzjoni ta' depożiti tal-gvern minn banek ċentrali nazzjonali (BĊE/2019/8)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni inċiż tal-Artikolu 132(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari t-tieni inċiż tal-Artikolu 34.1 tiegħu,

Whereas:

(1) Sabiex il-Kunsill Governattiv jingħata għajnuna fil-monitoraġġ tal-konformità mal-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju taħt l-Artikolu 123 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Deċiżjoni BĊE/2014/8 [1] tistabbilixxi r-rati tas-suq li joperaw bħala limiti massimi għar-remunerazzjoni ta' depożiti miżmuma minn gvernijiet u awtoritajiet pubbliċi mal-bank ċentrali nazzjonali rispettiv tagħhom.

(2) Sabiex tiġi ppreżervata l-integrità tal-politika monetarja unika, ir-rati tas-suq relevanti għandhom jiġu speċifikati ulterjorment u aġġornati.

(3) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni BĊE/2014/8 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda

Id-Deċiżjoni BĊE/2014/8 hija emendata skont kif ġej:

L-Artikolu 1 huwa emendat skont kif ġej:

(a) il-punt (aa) li ġej huwa mdaħħal:

"(aa) 'depożitu' tfisser bilanċ ta' kreditu f'euro jew f'munita oħra li jirriżulta minn fondi miżmuma f'kont ma' BĊN jew minn sitwazzjonijiet temporanji dderivati minn servizzi oħrajn ipprovduti minn BĊN, li jagħtu lok għal obbligazzjoni rreġistrata fuq il-karta tal-bilanċ ta' dak il-BĊN, u li dak il-BĊN ikun meħtieġ li jħallas lura taħt il-kundizzjonijiet kuntrattwali jew regolatorji applikabbli, inklużi depożiti matul il-lejl u għal terminu fiss;";

(b) il-punt (ċ) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) 'rata tas-suq mhux iggarantita matul il-lejl' tfisser: (i) fir-rigward ta' depożiti matul il-lejl iddenominati f'euro, ir-rata medja tal-indiċi ta' matul il-lejl tal-euro (EONIA), jew, wara li twaqqfet l-EONIA, ir-rata tal-euro fuq terminu qasir (€STR); u (ii) fir-rigward ta' depożiti matul il-lejl iddenominati f'muniti għajr l-euro, rata kumparabbli;";

(c) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) "rata tas-suq iggarantita" tfisser: (i) fir-rigward ta' depożiti għal terminu fiss iddenominati f'euro, l-iSTOXX EUR GC Pooling term index b'maturità kumparabbli, jew l-ekwivalenti tiegħu jew jitwaqqaf jew ma jkomplix jitqies bħala punt ta' riferiment; u (ii) fir-rigward ta' depożiti għal terminu fiss iddenominati f'muniti għajr l-euro, rata kumparabbli.".

[1] Deċiżjoni BĊE/2014/8 tal-20 ta' Frar 2014 dwar il-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju u r-remunerazzjoni ta' depożiti tal-gvern minn banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 54).

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 2019.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-9 ta' April 2019.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI